MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 251/2004

**London Services Limited**

**-vs-**

**Sahara Studios Company Limited,**

**Noel Calleja u**

**Anthony Calleja**

**Il-Qorti :**

Rat l-Att tac-Citazzjoni mressqa mill-atturi fit-13 t'April 2004, li taqra hekk:

*"Peress illi permezz ta' Skrittura Privata datata 21, t' April 2002 iffirmata bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta Sahara Studios Company Limited, li kopja taghha hija hawn annessa, esebita u mmarkata bhala* ***Dok. A****, is-socjeta' attrici kriet lis-socjeta' konvenuta, li dak iz-zmien kienet maghrufa bl-isem Euro Equipdata Limited, vettura tat-tip Citroen New Xsara 1.9 Diesel 5 Door Estate Break bin-numru tar-registrazzjoni DAK 918 ghal perjodu ta' sitt (6) snin, bil-kundizzjoni illi l-hlas isir permezz ta' rati mensili ta' mija hamsa u sebghin Lira Maltin (Lm175.00), piu Taxxa tal-Valur Mizjud, kif dettaljat fl-istess Skrittura Privata;*

*Peress illi s-socjeta' konvenuta Sahara Studios Company Limited gja' Euro Equipdata Limited, naqset milli teffettwa diversi pagamenti mensili, u ghalhekk kisret il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-ftehim, senjatament dawk indikati fil-Klawsola 3.1 ta' I-Iskrittura Privata msemmija, u baqghet inadempjenti minkejja illi giet diversi drabi interpellata sabiex teffettwa l-pagament, anke permezz ta' ittra ufficjali datata 20 ta' Frar 2004, li kopja taghha hi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala* ***Dok. B****;*

*Peress illi ai termini tal-Klawsola 12.1 ta' l-Iskrittura Privata hawn fuq imsemmija, tali nuqqas ta' hlasijiet mensili jwassal ghat-terminazzioni tal-ftehim, u dan minghajr pregudizzju ghad-dritt tas-socjeta' attrici illi tirreklama l-arretrati kollha, u l-hlasijiet kollha dovuti skond l-istess Skrittura Privata ghall-bqija tat-terminu ta' l-iSkrittura in kwistjoni, ai termini tal-Klawsola 12.5 ta' l-istess ftehim;*

*Peress illi permezz ta' ittra datata 21 ta' Novembru 2003, li kopja taghha hi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala* ***Dok. C****, is-socjeta' attrici itterminat formalment il-ftehim de quo ai termini tal-Klawzola 12.4 ta' l-imsemmija Skrittura Privata;*

*Peress illi ghalhekk, is-socjeta' konvenuta Sahara Studios Company Limited gja' Euro Equipdata Limited, saret debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' tnax-il elf disa' mija erbgha u ghoxrin Lira Maitin u erbgha u tlettin centezmu (Lm 12,924.34), ammont rapprezentanti l-hlasijiet dovuti skond il-Klawsoli 12.1. u 12.5 ta' l-istess Skrittura Privata kif fuq premess, in kwantu ghall-ammont ta' elf tmien mija u hamsa u hamsin Lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm1,855.59), ammont rapprezentanti l-arretrati dovuti in linea ta' pagamenti mensili ghax-xhur mghoddija li baqghu ma sarux, u in kwantu ghas-somma ta' hdax-il elf u tmienja u sittin Lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm 11,068.75), ammont rapprezentanti hlas dovut skond il-klawzola 12.5 ta' l-imsemmija Skrittura Privata, u dan kif jirrizulta mir-rendikont relattiv li kopja tieghu hi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala* ***Dok. D****;*

*Peress illi l-konvenuti Noel Calleja u Anthony Calleja ffirmaw l-Iskrittura Privata de quo bhala garanti in solidum ghall-obbligazzjonijiet kollha assunti mis-socjeta' konvenuta;*

*Peress illi minkejja l-interpellazzjonijiet su-riferiti maghmula lill-konvenuti, dawn baqghu inadempjenti;*

*Peress illi dan l-ammont hu cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta' attrici, il-konvenuti ma ghandhom ebda eccezzjoni x'jissollevaw kontra l-pagament ta' l-istess;*

*Peress illi, ghaldaqstant ghal dawn il-proceduri huma applikabbli d-dispozizzjonijiet ghad-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur ta' l-**Artikoli 167** et seq. tal-**Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili**.*

*Ighidu l-konvenuti ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex: -*

1. *Tikkundannahom in solidum bejniethom illi jhallsu lis-socjeta' attrici, is- somma ta' tnax-il elf disa' mit erbgha u ghoxrin Lira Maltin u erbgha u tlettin centezmu (Lm12,924.34) lilha dovuta kif fuq premess, u dan bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-**Artikoli 167 et seq.** tal-**Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili**.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' 20 Frar 2004 u tal-Mandati Kawtelatorji li qed jigu pprezentati kontestwalment ma' dan l-Att, u interessi legali mid-data li fiha gie pprestat is-servizz kummercjali relattiv in kwantu ghall-ammont ta' elf tnien mija u hamsa u hamsin Lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm 1,855.59), u mid-data tat-terminazzjoni tal-ftehim in kwantu ghall-ammont ta' somm a ta' hdax-il elf u tmienja u sittin Lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm 11,068.75), sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ingunti ghas-subizzjoni."*

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa tas-socjeta attrici tat-3 t'April 2004 (a fol. 3);

Rat li  l-att tac-citazzjoni, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-konvenuti skond il-ligi;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti kollha tat-12 ta' Mejju 2004 (a fol. 25) li taqra hekk:

1. *Illi t-talbiet tas-socjeta attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s- socjeta konvenuta Sahara Studio Company Ltd kkonsenjat lura l-vettura suggett ta' din il-*

*kawza, liema vettura giet accettata mis-socjeta attrici u b'hekk bhala konsegwenza s-servizz moghti mis-socjeta attrici mhix qeghda tinghata;*

2. *Illi minghajr pregudizzju s-socjeta konvenut ghandha thallas somma ferm izghar minn dik mitluba u dan ghall-uzu tal-vettura suggett ta' din il-kawza, li sal-lum ma thallasx, li jammonta ghal circa elf u tmien mitt lira Maltin (Lm1,800);*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-iskrittura intitolata bhala "London Services Limited Vehicle Lease Agreement", datata 21 la' April 2002, kien null u bla effett stante illi l-konvenut Noel Calleja kien qed jsofri minn kundizzjoni medika b'isem ta' psychosis, li vvizjat il-kunsens tieghu fiz-zmien li kien iffirma din l-iskrittura u barra minhekk, il-partijiet gew moghtija l-istandard form contract u s-socjeta attrici naqset milli tispjega lill-konvenuti Noel Calleja u Anthony Calleja li taht il-firma taghhom kienu qeghdin jiggarantixxu personalment l-obbligi ta' dik l-iskrittura;*

4. *Illi bla pregudizzju ghas-suespost, il-garanzija moghti mill-konvenut Anthony Calleja huwa null u bla effett stante illi l-mara tieghu, Maria Rosaria Calleja, ma ffirmatx din il-garanzija personali, liema garanzija taffettwa l-komunjoni ta' l-akkwisti taghhom;*

5. *Illi bla pregudizzju ghas-suespost, il-kundizzjonijiet imsemmija fl-iskrittura intitolata bhala "London Services Limited Vehicle Lease Agreement", datata 21 ta' April 2002 mhix ekwa u ma tirrispettax bilanc bejn il-partijiet fl-obbligi riciproki."*

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa tal-konvenuti tat-12 ta' Mejju 2004 (a fol. 26);

Rat il-verbal ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tal-4 ta' Dicembru 2008, fejn il-kawza thalliet differita Sine Die (a fol. 73);

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Lulju 2013 fejn irriappuntat il-kawza ghas-smiegh ghas-7 t'Ottubru 2013 (a fol. 74);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat d-dokumenti ezebit u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Mill-provi prodotti, precizament mill-affidavit ta' Jason Aquilina a fol. 30 et seq jirrizulta illi, bhala Direttur tas-socjeta' attrici, huwa kien responsabbli ghan-negozjar u konkluzjoni ta' kuntratti ta' kiri ta' karozzi *long term* ghan-nom tal-istess socjeta attrici.

Fil-21 t'April 2002 s-socjeta' attrici kkonkludiet kuntratt ta' kiri ta' karozza mal-intimati u s-socjeta' intimata Equipdata Company Limited gia Sahara Studios Company Limited, ta' vettura DAK 918 ghal tnejn u sebghin (72) ix-xahar bir-rata mensili ta' Lm175.

Jason Aquilina xhed li kien ta' kopja tal-kuntratt lil Noel Calleja halli jistudjah u kien insista mieghu li l-kuntratt kellu jigi iffirmat mill-*Company Secretary* u cioe Anthony Calleja.

Fil-fatt hekk sehh. Jason Aquilina xhed illi l-komportament ta' Noel Calleja kien jidher normali u ma tahx x'jifhem li Calleja kien jbaghti minn xi mard mentali.

Aquilina xhed li ghalkemm skond il-ftehim l-hlas mensili kellu jsir permezz ta' *direct debit* , l-arrangamenti bankarji da parti ta' Noel Calleja qatt ma saru.

Fil-bidu t'Awwissu 2003, Noel Calleja kien talbi biex qieghed il-vettura DAK 918 fil-*garage* tas-socjeta' attrici li accettat li taghmel dan ex-grazia, pero' zammet ferm ghat-termini u kundizzjonijiet tal-ftehim.

Aquilina kkonferma li il-pagamenti waqqfu fil-31 ta' Lulju 2003.

Fil-21 ta' Novembru Aquilina permezz t'ittra Dok. C informa lill-intimati li l-kuntratt kien qed jigi tterminat.

Illi ghalhekk kienet dovuta s-somma ta' Lm1855.59 ghall-arretrati tal-kera u skond klawsola 12.4 tal-kuntratt kienu saru dovuti l-ammonti ta' kera mensili tal-kumplament tal-perjodu

stipulat u cioe' 55 ix-xahar kera –li jammontaw ghal Lm11,068.75. Dan ifisser total ta' Lm12,924.34.

Anthony Calleja a fol. 48 xhed li huwa missier il-konvenut u segretarju tas-socjeta konvenuta. Huwa xhed li ibnu kien talbu jiffirma l-kuntratt ta' kiri tal-karozza u haseb li il-firma tieghu kienet rikjesta bhala xhud tal-firma u mhux qua *Company Secretary*. Ghalhekk huwa afferma li ma kienx jaf illi kien qieghed jintrabat bhala garanti ghal hlas ta' kiri tal-karozza.

Fl-affidavit tieghu Noel Calleja a fol. 49 et seq. xhed illi huwa kien jehtieg *van* sabiex igorr *equipment* tas-socjeta' tieghu u wara li ghamel certu verifiki, kien ghazel is-socjeta' attrici. Huwa xhed li Jason Aquilina qatt ma qallu li jekk jigi terminat il-ftehim, l-ammont shih jkun pagabbli jew huwa kien ser ikun personalment garanti ghal dak dovut mis-socjeta' intimata. Calleja xhed li kieku kien jaf b'dana kollu, ma kienx jidhol ghal kuntratt.

Is-socjeta' intimata bdiet thallas il-pagamenti mensili ghal-perjodu ta' sena u nofs, meta ltaqghat ma problemi finanzjarji serji. Calleja xhed li mar jkellem lil Silvio Ellul *accounts manager* tas-socjeta' attrici, li wara li spjegalu s-sitwazzjoni finanzjarja imwghera tas-socjeta' intimata, tah zewg *options*:

1. Li jkompli juza' l-vettura u jhallas aktar tard; jew
2. Li jitrritorna il-vettura u jhallas dak dovut sad-data tar-ritorn.

Calleja xhed li huwa ghazel li jirritorna il-vettura u kkonsenja ic-cwievet lil Silvio Ellul.

Illi xi jiem wara rceva l-*email* ta' Jason Aquilina ghall-ammont shih ta' *leasing period*. Illi ghalhekk rrekorra ghand l-Avukat tieghu.

Fil-mori tal-kawza odjerna, l-intimat intavola proceduri fl-ismijiet inversi sabiex l-iskrittura ta' kiri tal-vettura DAK 918 tigi ddikjarata nulla a kawza ta' vizzju ta' kunsens.

Fis-16 ta' Mejju 2013, il-Qorti diversament preseduta cahdet it-talba ta' Noel u Anthony Calleja u ddikjarat li l-kunsens taghhom ma kienx vvizjat u affermat il-validita' tal-istess skrittura.

Fl-affidavit ulterjuri tieghu a fol. 105, Noel Calleja ikkonferma dak li sostna fl-affidavit precedenti, izda zied jghid li ma kienx minnu li huwa kien talab li l-vettura tigi sempliciment ggaraxxjata ghand is-socjeta' attrici.

Ma kien hemm problema ta'*garaging* u l-problema unika li kien hemm, kienet rigward hlasijiet in vista tas-sitwazzjoni finanzjarja imweghra tas-socjeta' intimata.

Huwa stqarr li s-socjeta' attrici qatt ma talbuh jerga jigi ghal-karozza rilevanti. Huwa xhed li ra l-karozza DAK 918 diversi drabi fit-triq wara li huwa kkonsenja lura lis-socjeta' attrici. Dan juri li s-socjeta' attrici kienet qed taghmel uzu minnha.

In konro-ezami, Jason Aquilina a fol. 119 innega li Calleja fil-fatt kien gab il-karozza biex tigi *garaged* f'Awwissu u stqarr li kien biss f'xi Ottubru li dan sehh. Mitlub jghid jekk il-vettura kienitx giet moghtija b'kera lil terzi, l-introjtu tal-istess, jew jekk inbieghet, il-prezz tal-bejgh taghha, Aquilina ma kienx f'qaghda li jirrispondi.

Stephen Cachia mill-ADT a fol. 129 **xhed illi l-vettura DAK 918 giet mibjugha lil Sharon Baldacchino fil-10 t'April 2007.**

Jason Aquilina in kontro-ezami a fol. 131 et seq. kkonferma bil-gurament d-dhul li s-socjeta' tieghu ghamlet bil-kiri jew uzu tal-vettura DAK 918 mid-data tar-retorn tal-vettura f'2003 sa kemm inbieghet fl-10 t'April 2007.

**Ikkonsidrat:**

It-talba odjerna tirrigwardja t-talba ghall-kundanna ta' hlas fis-somma LM12, 924.34 dovuta skond skrittura privata datata 21 t'April, 2002 bejn il-kontendenti li permezz taghha s-socjeta' intimata intrabtet li tikri vettura DAK 918 ghall-perjodu ta' sitt snin b'rata mensili ta' LM 175, minkejja li l-konvenuti irritornaw il-vettura lis-socjeta' attrici f'Awissu tat-2003 minhabba problemi finanzjarji serji tal-kumpanija intimata.

Il-Qorti minn issa tiddikjara illiqed tastieni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet eccezzjoni tal-intimati, stante li din kienet il-meritu ta' kawza f'ismijiet inversi Rikors 531/2005 li giet deciza definittivament fis-16 ta' Mejju, 2013 (a fol. 75 sa 96) , f'liema

sentenza l-Qorti ikkonkludiet li ma jinkonkorrux l-elementi mehtiega li jwasslu ghal ivvizzjar tal-kunsens tal-atturi, cioe' l-konvenuti f'dan il-kaz, u dan b'referenza ghall-istess *lease agreement* iffermat bejn il-kontendenti fil-21 t'April, 2002.

Mill-kumpless tal-provi jirrizulta illi minkejja li l-intimati ghamlu uzu u hallsu ghall-kera tal-vettura DAK 918 ghall-perjodu ta' sena u nofs, wara dan il-perjodu jirrizulta li s-socjeta' Sahara Studios Company Limited giet rinfaccata bi problemi finanzjarji gravi tant li l-istess socjeta' ma felhitx ghalihom u ghaldaqstant l-intimati ddecidew, wara li hadu l-parir ta' *accountant* taghhom u wara li kellmu lil Silvio Ellul tas-socjeta' attrici, illi jirritornaw l-istess vettura.

Is-socjeta' attrici tinnega b'mod vociferu illi r-ritorn tal-vettura in kwistjoni kienet tammonta ghal terminazzjoni tal-ftehim u ssostni illi kienet biss talba sabiex tigi garaxxjata l-istess vettura, tant illi permezz tal-*email* datata 6 t'Awissu 2003 - Vide Dok JA1 a fol 34 - is-socjeta' attrici affermat li dan il-*garaging* kien biss servizz ex-gratia u li dan kien minghajr pregudizzju ghad-drittijiet kollha tas-socjeta' attrici skond il-lease agreement.

Ghall-kuntrarju, l-intimat Noel Calleja sostna illi huwa kien kellem lil Silvio Ellul li kien tah l-*options* illi semma fix-xhieda tieghu a Fol 49 u 50 u li hu kien rritorna il-vettura u kkonsenja l-istess cwievet u vettura lil Silvio Ellul, li minn naha tieghu ma talbu xejn hlief li jinformah li kien ser jibghat *"il-kont sa dik inhar*" – Vide Fol 50.

Il-Qorti tinnota illi ebda wiehed mill-kontendenti ma hassx il-htiega li jipproduci bhala xhud lil Silvio Ellul.

Il-Qorti rat ukoll illi s-socjeta' attrici f'ebda hin ma talbet lill-intimati jew lis-socjeta' intimata biex terga' tiehu pussess tal-vettura DAK 918 mid-data tar-ritorn taghha sakemm gew intavolati dawn il-proceduri.

Jirrizulta di piu illi s-socjeta' attrici ghamlet uzu shih ta' din il-vettura fis-sens li regghet kriet din il-vettura lil terzi apparti l-fatt li kienet tuza ukoll l-istess vettura bhala *replacement car* meta xi vettura tal-kiri ohra minn taghhom, kienet tkun ghas-*service* jew ghat-tiswija. Tant hu hekk li permezz nota tas-socjeta' attrici tat-18 ta' Novembru 2014, l-istess socjeta' annettiet prospett - Vide Fol 131 u 132- li fih jidher l-kiri kollha tal-istess vettura lil terzi u d-dhul

konsiderevoli li s-socjeta' attrici ghamlet minn dana kollu (Vide Fol 132 **LM2796.51, LM178.00 u LM5118.93**) sad-data tal-bejgh ta' din il-vettura fil-10 t'April 2007.

Dak irid jigi ezaminat huwa kemm-il darba it-terminazzjoni tal-*lease agreement* kienx unilaterali jew o meno u kemm-il darba il-fatt illi s-socjeta' attrici kompliet tinnegozja din il-karozza kif jidhrilha xieraq kien in essenza accettazzjoni tacita mhux biss it- terminazzjoni tal-istess kuntratt izda ir-rinunzja ghall-pagamenti mensili oltre d-data tar-ritorn tal-vettura in kwistjoni.

Il-Qorti ghandha wkoll tezamina kemm-il darba l-imsemmija Skrittura Privata tal-21 t'April 2002 kienetx tikkontieni Klawzoli li ma kienux ekwi u jirrispettawx bilanc bejn il-partijiet fl-obbligi reciproci.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti taghraf illi ghandha taghmel accenn ghal-principji bazilari fil-ligi li tirregola l-kuntratti b'mod specjali ghall-principji ta' pacta sunt servanda u l-buona fede tal-kontraenti - segwenti Artikoli tal-ligi.

Skond l-Artiklu 992 u 993 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdu:

> ***992. (1) Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom.***
>
> ***(2) Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi.***
>
> ***993. Il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu jew bil-liġi.***

Illi skond l-insenjament moghti fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Civili fl-ismijiet **"Pia Grech vs Mondial Travel"** Appell Civili Nru. 4/08, deciz **fis-7 ta' Novembru 2008** il-kuncett ta' buona fede gie illustrat bhala :

> ***"la buona fede va intesa in senso oggettivo, quale criterio di correttezza alla stregua dal quale valutare se lo squilibrio derivante dalla clausola sia o meno significativo. Cosi intesa, la buona fede dota l'interprete di un essenziale criterio per la verifica dell' abusivita della clausola, tale essendo la clausola che squilibri un contratto del canone della buona fede. Pertanto la norma andrebbe letta nel senso che la clausola è abusiva se determina uno squilibrio significantivo e lo squilibrio va considerato significativo quando comporta una disparita` di trattamento tra le parti che, secondo i principi di correttezza, non è accettabile da parte dell'ordinamento giuridico".***

Illi di piu l-Artiklu 44 tal-Kap 378 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula:

> ***44. (1) Ma jistgħux jintużaw f'kuntratti li jsiru mal-konsumatur espressjonijiet mhux ġusti, jew espressjonijiet jew kombinazzjoni ta' espressjonijiet li jkunu mhux ġusti f 'illi jkollhom bħala skop jew effett xi wieħed mill-iskopijiet u effetti msemmija fis-subartikolu (2), u kull espressjoni pprojbita kif hawn aktar qabel imsemmi li tiddaħħal f 'xi kuntratt li jsir mal-konsumatur għandha titqies bħallikieku qatt ma tkun hekk iddaħħlet.***
>
> ***(2) L-espressjonijiet imsemmija fis-subartikolu (1) jinkludu espressjonijiet li jkollhom l-iskop jew l-effett li -***
>
> ***Omisses***
>
> ***(t) jillimitaw jew jeliminaw l-obbligazzjoni tal-kummerċjant***
> ***li jirrispetta rabtiet li jkunu għamlu l-aġenti jew l-impjegati tiegħu;***

> ***(u) jobbligaw lill-konsumatur li jwettaq l-obbligazzjonijiet tiegħu fejn il-kummerċjant ma jwettaqx tiegħu;***

Din il-Qorti wara li fliet bir-reqqa ix-xhieda kollha prodotta fil-kaz odjern, tgharaf illi l-konsenja tal-vettura DAK 918 lis-socjeta' attrici ma kienet wahda li saret kapricossament jew saret b'ingann daparti ta' l-intimati sabiex jigu ffrankati xi spejjez zghar ghas-socjeta' intimata. Il-provi juru illi s-socjeta' intimata kienet f'diffikultajiet kbar finazjarji u li ma felhitx ghall-ispiza tar-rati mensili skond il-ftehim tal-21 t'April, 2002.

Jirrizulta ukoll lil din il-Qorti illi r-ritorn jidher li sar bi qbil ma Silvio Ellul, *Financial Controller* tas-socjeta' attrici. Illi kien biss granet wara dan ir-ritorn li ntbghatet l-email DOK C lill-intimati.

Il-Qorti tgharaf pero', li meta s-socjeta' attrici ghazlet illi apparti li "tigaraxxja" il-vettura DAK 918, **tghamel uzu shih u kostanti tal-istess vettura** kif jidher mill-prospett a Fol 131 u 132, minflok ma tesigi illi l-intimati jigbru l-vettura minnufih u fin-nuqqas jiddepozitaw l-istess vettura taht l-Awtorita' tal-Qorti, hija kienet qeda tirrinunzja tacitament ghall-hlas tal-kiri tal-vettura ghall-kumplament tal-perjodu kontemplat fil-kuntratt.

Illi mill-provi jirrizulta b'mod ampju illi l-impjegati anki dawk f'karigi gholja bhal Silvio Ellul kienu mrazzna minn dak mahsub taht l-Artiklu 44 (t) u dan kif jidher Klawsola 13.3 tal-*lease agreement* Dok.A a fol. 13, li jghid:

> ***"The lessers employees or agents are not authorised to make any binding representations concerning the vehicle and/or the services provided by the lessor unless confirmed by the lessor in writing. In entering in this agreement, the lessee aknowledges that it does not rely on and waives any claim for breach of any such representations which are not so confirmed by the lessor in writing."***

Illi di piu, il-fatt li s-socjeta' attrici itterminat il-*lease agreement* fil-21 ta' Novembru, 2003, Vide Dok C a Fol 34, waqt li fl-istess hin, ghamlet uzu shih mill-vettura DAK 918 mid-data

ta' tali terminazzjoni sas-sena 2007 meta ddecidiet li tbiegh l-istess vettura, qedghet lilha nnfisha f'dak illi jikkontempla l-Artiklu 44 (u) tal-Kap 378.

Illi il-Qorti qieset ukoll illi fil-kaz in ezami jirrizulta ammess il-pretensjoni tal-hlas LM1855.59 u cioe' ghall-kiri tal-vettura, izda certament mhux ghall-hlasijiet ulterjuri ta' LM11,068 rapprezentanti hlas dovut skond il-Klawsola 12.5 tal-iskrittura privata skond ir-rendikont Dok D u cioe' ghall-kumplament tal-*leasing period*.

Illi di piu, jirrizulta ampjament illi Anthony Calleja personalment ma setax jidhol biex jikkostitwixxi ruhu bhala garanti tad-dejn ta' ibnu minghajr il-firma ta' martu li ma tidhirx fuq l-istess skrittura.

Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjoni numru 3 tal-intimati, in vista tas-sentenza fl-ismijiet inversi deciza fis-16 ta' Mejju, 2013 esebita a Fol 75 et seq tal-process; tilqa' parzjalment l-ewwel eccezzjoni, tilqa' t-tieni, ir-raba' u l-hames eccezzjoni tal-intimati, tilqa' t-talba tas-socjeta attrici limitatament ghas-somma ta' elf tminn mija hamsa u hamsin Liri Maltin u disgha u hamsin centezmi (Lm1,855.59) ekwivalenti ghall-erbat elef tlett mija tnejn u ghoxrin Ewro u sitta u tletin centezmi (€4,322.36) kontra l-intimati izda mhux kontra Anthony Calleja personalment.

Fil-kaz in ezami, il-Qorti tqis li jkun ghaqli u gust li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------